# Ħolm

Ġismi mitluq fuq saqqu artab ħaxu
Għadu ħaj għax jieħu n-nifs.
Ir-raġel fija jistenbaħ
U jimraħ f'dinja ġdida ....
Jara lilu nnifsu ħafif,
Sidru jfawwar bl-imħabba
U tfajliet tnejn tlieta.
Xemx sabiħa ssaħħan,
Kulħadd jitbissem,
U ċinju f'nofs għadira
Imelles rixu abjad silġ.
Fil-bogħod vjolin jidwi
Noti twal ikarwtu,
Noti ħfief għoljin jaqbżu
U friefet jiżfnu f'għabra fina.

# Serbut Twil

Nies, nies dejjem ġejjin,
Mgħaġġlin,
Ma jgħejjew qatt,
Raxxa wara raxxa,
Iż-żgħar jidħku, il-kbar jibku
Ma naf lil ħadd,
Naf lil kulħadd;
Ilhom għaddejjin
Serbut twil wara xulxin
Eluf ta' snin.

J.J. CAMILLERI

# AVE CAESAR

J. P. Vassallo

Ħriġt darb'oħra fl-arena,
Nissielet fl-aħħar taqbida.
L-għagħa tal-poplu f'widnejja,
Fuq wiċċi tal-mewt it-theddida.

Kemm hu sabiħ is-sema,
Għażiża tax-xemx it-tgħanniqa.!
Il-basra li l-għożża titqaċċat
Timlieli ruħi bid-diqa.

Imfawra qalbi bl-almu,
Xotta minn qatra ta' semm.
Ix-xafra li xxoqqli lil qalbi
Ma ssibx ħlief wirt ta' demm.

Bħas-siġar li jmutu bil-wieqfa
Nixtieq immut jien ukoll.
Wiċċ imbwiċċ irrid nilqa' l-ħanina
Li r-rabta ta' ħajti għad tħoll.

Fl-għoli nar lil Ċesari
Bil-qima, bl-imħabba nitkellem
O Sid tal-mewt u tal-ħajja,
Bil-mewt fuq wiċċi nsellem.

# "Summertime"

JANE CORTIS

Is-"summertime"
jittewweb monotonija safra
ta' ramel, dqiq maħmuġ....
U l-bajja
taġen kbir
fejn tgħum elf ħuta mbaskta
f'meraq mielaħ u mdardar
li jisħon u jbaqbaq
taħt xemx bħal "hotplate"
b'enerġija t'elfejn watt.